**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Hamis 16 ta' Frar, 2023</u>**

**<u>Rikors nru: 60 /2020 AGV</u>**

**CM**

**Vs**

**EM**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' C M datat 13 ta' Marzu 2020 ;**

**Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma:**

1. Illi r-rikorrenti kienet f'relazzjoni mal-intimat EM detentur tal-karta tal-identita' numru 487688M, għal circa ħames snin, mill-2007 sal-2012;

2. Illi minn din ir-relazzjoni twieldet I M nhar l-erbgħa (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008), kif ukoll Z M nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju elfejn u tnax (2012);

3. Illi l-intimat ilu assenti mill-ħajja ta' uliedu mis-sena 2018;

4. Illi f'dan iz-zmien, l-intimat m'ghamel xejn sabiex jikkomunika mat-tfal tiegħu, lanqas permezz ta' telefonata jew mezzi oltre;

5. Illi anke fiz-zmien ta' qabel l-assenza konsistenti tieghu (kif inhi s-sitwazzjoni prezenti), l-intimat kien iqatta zmien twil ma jara lill-uliedu *(on and off)*;

6. Illi l-intimat ilu ma jħallas xi forma ta' manteniment lir-rikorrenti fir-rigward ta' uliedu għal dawn l-aħħar sena u nofs;

7. Illi qabel dan iz-zmien, l-intimat kien naqas ukoll li jhallas manteniment ghal mhux inqas minn 10 xhur;

8. Illi llum -il ġurnata, il-minuri ma jridux jafu b'missierhom stante din l-assenza twila u konsistenti tiegħu, kif ukoll it-turbulenza li kien johloq qabel dan iz-zmien meta huwa kien filli jarahom ghal ftit zmien u filli xejn;

9. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti tibża li l-intimat reġa waqa fil-vizzju ikrah tad-droga u għalhekk m'huwix fl-aħjar interess tal-minuri li jkun preżenti f'ħajjithom;

10. Illi l-intimat m'għandu l-ebda interess f'uliedu, u wara daż-żmien kollu assenti minn ħajjithom, kif ukoll ghar-ragunijiet sopracitati, ikun fl-aħjar interess tal-minuri jekk ir-rikorrenti tiġi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, filwaqt li jiġi ddikjarat li l-intimat ma jgawdi ebda dritt t'aċċess għal uliedu;

11. Illi din hija x-xewqa tal-minuri wkoll stante li llum m'għandhom l-ebda relazzjoni mal-intimat;

12. Illi l-esponenti intavolat ittra fir-reġistru tal-Qorti tal-familja (numru 1187/19) fil-5 ta' Settembru 2019, sabiex titlob lill-Onorabbli Qorti jogħġobha tinizzja medjazzjoni bejn il-partijiet bil-għan li dawn jidħlu f'akkordju sabiex jirregolaw dak kollu li għandu x'jaqsam ma' uliedhom, u fin-nuqqas, tawtorizza lill-esponenti sabiex tipproċedi b'kawża;

13. Illi l-partijiet ma setgħu qatt jaslu għal ftehim bonarju stante li l-intimat qatt ma deher għas-seduti tal-medjazzjoni u lanqas ghamel jew prova jaghmel xi kuntatt mar-rikorrenti f'dan ir-rigward;

14. Illi r-rikorrenti għada tbati mill-konsegwenzi kkawzati mill-intimat, kif ukoll għadha taffaċja problemi mal-awtoritajiet inkluż, pero mhux limitati għall-iskejjel tat-tfal, stante li l-awtorizzazzjoni tal-missier għadha tiġi rikjesta għal ċertu deċiżjonijiet li jirrigwardaw lill-minuri, u l-missier huwa assenti u difficli li b'xi mod twettaq kuntatt mieghu;

15. Illi bl-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti qiegħda tipproċedi b'kawza sabiex tiġi regolarizzata s-sitwazzjoni bejn il-partijiet li fl-ahhar mill-ahhar tikkoncerna z-zewg minuri;

**Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti qiegħda umilment u bir-rispett titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:**

1. Takkorda l-kura u kustodja u s-setgha tal-genitur tal-minuri IM u ZM esklussivament lill- CM ;

2. Tiddikjara li r-residenza permanenti tal-minuri IM u ZM għandha tkun mal-omm C M ;

3. Tiddikjara li l-intimat ma jgawdi ebda dritt t'access fir-rigward tal-minuri;

4. Tiffissa ammont ta' manteniment li għandu jitħallas fix-xahar mill-intimat fir-rigward tal-minuri IM u ZM li jkun jinkludi ammont (stima) tal-ispejjeż li jirrelataw ma' edukazzjoni u saħħa tal-minuri;

5. Tillikwida u tordna lill-intimat iħallas l-arretrati akkumulati li kienu u għadhom dovuti bħala ħlas għall manteniment tal-minuri IM u Z M ;

**Il-Qorti ;**

**Rat ir- Risposta guramentata ta'  EM ;**

**Jeccepixxi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:-**

1. Illi qabel xejn jigi rilevat illi ghalkemm l-intimat esponenti huwa registrat bhala l-missier naturali tal-minuri  ZM  , huwa minn dejjem kellu suspetti fondati illi kemm hu verament missierha u dwar dan qed jirriserva li jiehu l-passi opportuni.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huma msejsa fuq premessi invertjieri kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma hemm l-ebda ragunii valuda fil-ligi ghaliex l-esponenti ma ghandux ikollu kura u kustodja u jezercita setgha tal-genitur fuq il-minuri kongunta flimkien ma' l-esponenti dejjem skond kif ikun il-kaz (tenut kont ukoll ta' l-ewwel eccezzjoni).

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suepsost ma hemm l-ebda raguni ghaliex l-esponenti ghandu jigi imcahhad milli ikollu access mal-minuri

uliedu (skond il-kaz). Kuntrarjament ghal dak li qalet ir-rikorrenti, l-esponenti dejjem ta s-sostenn u sapport tieghu lejn il-minuri u dana anke sa minn qabel ma twieldu kif se jigi trattat u ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.– b'mod partikolari fil-kaz ta Z.  L-esponenti dejjem ikkopera kull meta mitlub jaghmel hekk sabiex jaghti l-awtorizzazzjoni tieghu l-fatt tajjeb li jinghad illi l-minuri bidlu diversi skejjel.

5. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost ma hemm l-ebda raguni ghaliex l-esponenti ghandu jigi imcahhad milli ikollu access mal-minuri uliedu (skond il-kaz) tenut kienet l-istess rikorrenti li ghamlet minn kollox biex tellghet hajt bejn l-esponenti u l-minuri u ghamlet li setghet sabiex taqta' l-komunikazzjoni u access bejniethom u tittenta tnehhieh minn hajjithom - bblokkjatu minn fuq il-mobajl, ma twegbux meta jipprova jikkomunika maghha, u meta jmissu jara ml-minuri tggib kull skuza immaginabbli biex ma turihomlux. u dana anke peress illi tista' tghid immedjatament wara li spiccat ir-relazzjoni ta' bejniethom;  L-istess minuri lanqas biss kienu isejhu lill-esponenti bhla a”daddy”, imma kienu isejjhu lil partner/s rispettivi li kellha hi fosthom l-ax-gharus ta' ohtha li illum hija mizzewwga mieghu. L-istess rikorrenti bl-aktar mod malizzjuz ghazlet ukoll illi tallega li hemm xi vizzju tad-droga minn naha tal-esponenti u hu minn naha tieghu kompletament jichad dan kollu. Dan kollu ser jigi ittrattat ahjar waqt is-smiegh tal-kawza.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dwar manteniment u hlas ta' arretrati l-esponenti jirrileva illi huwa hallas manteniment versu iz-zewg minuri fis-somma komplessiva ta' €368 u ghandu jigi mehud in konsiderazzjoni il-fatt illi meta missier ir-rikorrenti iddecieda illi jirranga il-binja li kellu sabiex fiha jakkomoda lill-familja estensiva tieghu, l-

esponenti li sa dak iz-zmien kien ghadu f'relazzjoni mar-rikorrenti kien hadem bi shih fix-xoghlijiet ta' alterazzjonijiet estensivi li saru fil-bini, liema xoghlijiet kienu jikkonsistu mhux biss fi thammil, tkissir ta' konkos u tibjid imma anke dawl u ilma ghal blokka ta' tlett sulari u basement garaxx. Dan ix-xoghol dejjem sar tista' tghid gratis jew bi ftit flus u ghandu jittiehed in konsiderazzjoni vis a vis il-hlas tal-manteniment tal-minuri. Meta spiccat ir-relazzjoni bejn il-partijiet kien jonqos biss l-ahhar sular li kien ghadu "shell. Konsegwentement l-esponenti diga' hallas manteniment u ma ghandux jigi kkundannat ihallas xi manteniment ghal perjodi precedenti. U dan hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

7. Illi l-esponenti qieghed permezz ta' din ir-risposta jipprevalixxi ruhu minn dawn il-proceduri sabiex jintavola kontro-talba.

8. Salv eccezzjonijiet ohra.

**Il-Qorti ;**

**Rat il-Kontro-Talba ta' l-intimat EM ;**

**Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:-**

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni u waqt dina ir-relazzjoni twieldu IM fl-4 ta' Mejju 2008 kif ukoll ZM fis-27 ta' Lulju 2012 - ghalkemm l-

intimat esponenti huwa registrat bhala l-missier naturali taz-zewg minuri, fir-rigward ta'  ZM , huwa minn dejjem kellu suspetti fondati kemm hu verament missierha u dwar dan dan qed jirriserva illi jiehu l-passi opportuni.

2. Illi ir-relazzjoni bejn il-partijiet spiccat

3. Illi l-partijiet baqghu ma ftehmux dwar il-kura u kustodja, l-access u l-manteniment rigward il-minuri ghalkemm saret il-procedura tal-medjazzjoni. Tali ftehim baqa' ma ntalhaqx unikament tort tal-attrici.

4. Illi l-esponenti jirrileva illi huwa hallas manteniment versu iz-zewg minuri fis-somma komplessiva ta' €368 u ghandu jigi mehud in konsiderazzjoni il-fatt illi meta missier ir-rikorrenti iddecieda illi jirranga il-binja li kellu sabiex fiha jakkomoda lill-familja estensiva tieghu, l-esponenti li sa dak iz-zmien kien ghadu f'relazzjoni mar-rikorrenti kien hadem bi shih fix-xoghlijiet ta' alterazzjonijiet estensivi li saru fil-bini, liema xoghlijiet kienu jikkonsistu mhux biss fi thammil, tkissir ta' konkos u tibjid imma anke dawl u ilma ghal blokka ta' tlett sulari u basement garaxx. Dan ix-xoghol dejjem sar tista' tghid gratis jew bi ftit flus u ghandu jittiehed in konsiderazzjoni vis a vis il-hlas tal-manteniment tal-minuri. Meta spiccat ir-relazzjoni bejn il-partijiet kien jonqos biss l-ahhar sular li kien ghadu “shell”. Konsegwentement l-esponenti diga' hallas manteniment u ma ghandux jigi kkundannat ihallas xi manteniment ghal perjodi precedenti. U dan hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Kif gia' inghad aktar il-fuq sa issa il-manteniment kien ta' €368 pero' hemm lok illi dan jitnaqqas.

5. Illi dwar kura u kustodja tal-minuri ma hemm l-ebda raguni ghaliex din ma tibqax kongunta kif inhi f'idejn iz-zewg partijiet u li id-decizjonijiet kollha dwar il-benessere, edukazzjoni u s-sahha tal-minuri ghandhom jittiehdu miz-zewg partijiet flimkien.

6. Illi dwar l-access tal-konvenut dan ghandu jigi regolat u ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti flimkien ma' sleepover mal-esponenti u dana fl-ahjar interess tal-minuri li sa issa l-istess attrici ghamlet minn kollox sabiex ixxejjen u ggib fix-xejn id-drittijiet tal-esponenti bhala missier u dana minghajr ebda raguni valida skond il-ligi u a skapitu tal-ahjar interess tal-minuri.

7. Illi l-esponenti jaf personalment dawn il-fatti.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:jogghobha tordna-

1. Illi l-kura u l-kustodja ta' IM u ZM (skond il-kaz) tkun fdata f'idejn il-kontendenti flimkien u li d-decizjonijiet kollha rigwardanti l-benessere, l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri ghandha tittiehedd miz-zewg partijiet.;

2. Illi l-esponenti tenut kont tac-cirkostanzi u mezzi tieghu jigi ordnat ihallas manteniment dejjem tenut anke ix-xoghlijiet li huwa ghamel kif spjegat fi premessa 4 – sa issa il-manteniment kien ta' €368 pero' hemm lok illi dan jitnaqqas.

3. Illi l-esponenti jinghata access adegwat ghall-uliedu minuri inkluz sleepover u dana dejjem fl-ahjar interess tal-minuri.

**Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti minn issa ngunta ghas-subizzjoni.**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir- Risposta guramentata ta‘ CM ghall-kontro-talba ta’ EM ;**

Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tiddikjara u tikkonferma:

1. Illi fuq nota preliminari, ir-rikonvenzjonant m'ghamel l-ebda talba sabiex jigi ddeterminat jekk huwiex l-missier biologiku tal-minuri ZM u konsegwentament sabiex jichad li l-minuri hija bintu;

2. Illi fuq nota wkoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikonvenzjonant ma provda ebda spjegazzjoni jew t=raguni valida fil-ligi li fuqha qeghed jibbaza s-suspett infondat tieghu li m'huwiex missier il-minuri ZM ;

3. Illi in sostenn ma dak sopracitat , tajjeb li jinghad li kien r-rikonvenzjonant stess li rrikonoxxa lill-minuri ZM bhala bintu hekk kif ma kienx

awtomatikament rikonoxxu bhala missierha galadarba l-minuri twieldet barra z-zwieg;

4. Illi minghajr prezudizzju ghas-suespost in konsiderazzjoni tal-fatt illi illum il-gurnata l-minuri ghandha tmien (8) snien cahda tal-wild ser tkun qed tirrizulta f'effett kuntrarju konsiderevolment ghal-ahjar interess taghha ughalhekk din il-pretensjoni lanqas biss ghandha tigi kunsidrata;

5. Illi b'dan spejgat l-esponenti m'ghandha qatt tigi meqjusa li ghandha thallas kwalunkwe spejjez relatati mal-kontro- talba tar-rikonvenzjoni gailadarba l-kontro-talba qieghda titratta l-istess mertu tal-kawza principali u gialadarba r-rikonvenzjonant qatt ma qajjem din il-kwistjoni kemm informalment mal-esponenti u kemm fil-proceduri gudizzjarji passati, inkluz il-proceduri tal-medjazzjoni tal-kawza odjerna , ghal liema, r-rikonvenzjonant ghazel li ma jidhirx;

6. Illi l-fatt li l-r-rikonvenzjonant ghazel li jqajjem din it-tip ta' prestensjoni tmien snin wara t-twelied tal-minuri koncernata u cioe ZM , turi l-karattru egoist u irresponsabbli tar-rikonvenzjoniant;

7. Illi l-premessa numru 3 qieghda tigi ddikjarata mill-inveritiera stante li kienet dejjem l-esponenti li hadet hsieb lit-tfal tal-partijiet meta r-rikonvenzjonant, tiista tghid kien dejjem assenti mill-hajja taghhom;

8. Illi barra minn hekk, kienet dejjem hi li ghamlet l-ghalmu taghha biex tipprova tilhaq ftehim dwar il-kura u l-kustodja l-access u l -manteniment rigward l-minuri sabiex tigi stabblilta relazzjoni tajba bejnithom ghal-gid tal-minuri izda kawa tal-inadempjenza u n-nuqqas t'interess tar-rikonvenzjonant qatt ma waslet;

9. Illi l-premessa numru 4 qieghda tigi infondata fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikonvenzjonant ihallas manteniment b'mod sporadiku u di fatt ilu ma jhallas manteniment ghall dawn l-ahhar circa sentejn;

10. Illi ghal dak li jirrigwarda xogholijiet li r-rikonvenzjonant ghandu jindirizza din il-pretensjoni fil-forum adw=egwat stante li dina l-Onorabbli Qorti m'hijiex il-forum fejn ghandha tigi diskussa din il-kwistjoni;

**11.** Illi fir-rigward tal-premessa numru 5, jezisti diversi ragunijiet ghaliex il-kura u l-kustodja tal-minuri m'ghandhiex tkun fdata liz-zewg genituri fosthom inter alia l-fatt li r-rikonvenzjonant ibghati mill-bizzju tad-droga, u m'huwiex bniedem konsistenti fil-hajja tal-minuri u ilu assenti mill-hajja taghhom ghal dawn l-ahhar circa sentejn li ma jikkontribwixxix ghall-bzonnijiet finanzjaji taghhom li ma jaghmilx attentati sabiex jikkuntattja jew jara lill-minuri, u l-fatt li wara 8 snin qighed jipprova jichad tifla minnhom u dan sabiex jahrab mill-obbligazzjonijiet tieghu

12. Illi in oltre minn hekk l-esponenti taffacja diversi problemi stante li entitajiet inkluzi dawk tal-iskola u l-isptar jirrikjedu xi awtorizazzjioni tal-missier din tkun difficli hafna ghaliha li tottjentha

13. Illi minghajr pregudizzju ghas-susepost u wara dan iz-zmien kollu nieqes mill-hajja tal-minuri, l-istess minuri illum m'ghandiex l-ebda xewqa li jkollha relazzjoni ma missierhom ghalhekk jekk f'stadju r-rikonvenzjonant serjament jixtieq li jibda jinvolvi ruhu b' mod serju u konsistenti fil-hajjja tat-tfal, huwa ghandu tal-inqas jissottometti ruhu ghal evalwazzjoni mill-Agenzija Appogg u dana taht supervizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti;

14. Illi in vista tas-supost l-esponenti toggezzjona bis-shih ghat-talbiet tar-rikonvenzjonant.

**Bl-ispejjez kontra r-rikonvenzjonant.**

**Il-Qorti;**

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**<u>FATTI</u>**

L-attrici kienet iltaqghet mal-konvenut fl-2007 u minn dina r-relazzjoni twieldu zewgt itfal I u Z, it-tnejn minorenni.
Fiz-zmien li kellhom lil Ilona, il-konvenut kien jahdem bhala *delivery person* mar-ristorant Estilo, f'Paceville u ghalhekk hafna drabi kien jahdem iljieli u kienet tkun wahedha bit-tifla.

Meta Ilona kellha cirka tlett snin u nofs, kienu marru joqoghdu mal-genituri tal-attrici peress li kienu qed jirrangaw post. Gara li sadanittant, il-konvenut kien tilef l-impjieg tieghu ghall-habta tas-sena 2011 u ghalhekk missier l-attrici kien offrielu biex ighinu fil-post li kienu qed jibnu u kien ihallsu l-istess paga li kien jircievi qabel ma spicca bla xoghol u cioe' l-ammont ta' €600 fix-xahar. Kien ighinhom ukoll finanzjarjament. Sakemm

damu jghixu ghandhom ma hallsux kera u l-konvenut kien jikkontribwixxi ghall-ikel.

L-attrici ssostni li glied taghhom kien jirrigwarda l-passatempi li kellhom hi, iz-zwiemel u l-konvenut il-karnival. Kien iqatta' hafna hin liberu tieghu l-mahzen tal-karnival u ma kienx ighinha bit-tifla. Ried ukoll li tnehhi l-*pony* ghax kien jiswilhom il-flus, izda hi ma riditx. Illum tghid li l-ispejjes tal-*pony* ihallashom zewgha S.

Meta kienet tqila b'Z , kienu hassru u meta regghu rrangjaw, il-konvenut kien juri d-dubbji tieghu fuq il-paternita' tal-minuri. L-attrici tammetti li kienet riedet tnizzel it-tarbija fuq "unknown father" u dan peress li l-affarijiet bejniethom ma kinux sejrin tajjeb u kien qabad u telaq mid-dar fejn kienu qed ighixu mal-genituri taghha. Ghalkemm l-attrici kienet disposta li jiehdu DNA tests, il-konvenut qatt ma ried imur u fl-istess waqt kien irrikonoxxa lil istess minuri. Tinnega li riedet taghmel abort.

Wara li twieldet it-tarbija l-konvenut kien isib problema sabiex izomm impjieg peress li kien jitkecca. Fil-fatt meta t-tarbija ghalqet tlett xhur kienet iddecidiet li titlaq lill-konvenut kemm minhabba l-glied kontinwu, kif ukoll minhabba l-problemi finanzjarji.

Eventwalment kienet bdiet proceduri ta' medjazzjoni u fl-ahhar wahda kien gie deciz li l-konvenut ghandu jghaddilha €400 fix-xahar bhala manteniment ghat-tfal minuri u kellhom jinqasmu l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Tghid li l-konvenut kien ghamel zmien ihallas, imbaghad waqaf ghal kollox.

Meta t-tfal kienu jkunu mieghu kienu jigu lura jibku u dan anke minhabba l-atteggjament tieghu maghhom. Kien anke insista mal-attrici li t-tfal m'ghandhomx jibqghu jattendu skola privata u kien wieghdha li jibqa' jhallas manteniment jekk jattendu skola tal-istat. Hemm ghamlet, izda inutilment ghax ma hallasx il-manteniment.

Ghal dawn l-ahhar sentejn, l-attrici tispjega li l-konvenut m'ghamel ebda kuntatt maghha jew mat-tfal, tant li anke biddel in-numru tal-mobile. L-attrici ssostni li llum it-tfal ma jridux jiltaqghu ma' missierhom.

In kontro-ezami, l-attrici tenniet li biex tghijex lil zewgt uliedha kellha bzonn cirka €1000/€1200 fix-xahar u tghid li jghinha r-ragel taghha li jahdem bhala *handyman* mad-DIZZ Group. Imbaghad b'referenza ghall-affidavit ulterjuri taghha spjegat li tonfoq cirka €500 fix-xahar ghall-familja kollha u mhux limitatament ghal Ilona u Zelodie. L-istess meta thallas l-Go Home Pack ghas-servizzi tat-telefon u internet, il-€50 li thallas thallas ghal kulhadd.

Bhala hwejjeg tghid li tonfoq xi €250 fix-xahar ghaz-zewg uliedha u dawn jithallsu mic-childrens allowance li jammonta ghal €700 fix-xahar.

In kontro-ezami tghid li bdiet tahdem recentement ma' Dizz Group bhala cleaner u taqla' €6 is-siegha. Illum jirrizulta li m'ghadhiex tahdem. Ipprezentat il-payslips taghha.[1] Tikkonferma li kienet ghamlet ftit xhur tghin lill-genituri taghha li kienu jmexxu confectionery, pero' llum m'ghadux ghandhom. Kienu jhallsuha b'€5 is-siegha.

[1] Doks. CMX 1 U CMX 2

**Il-konvenut** ighid li l-gherusija mal-attrici kienet tajba fil-bidu. Wara tlett xhur li kienu ilhom flimkien, l-attrici kienet harget tqila u kienu ferhanin hafna. Kienu marru jghixu mal-genituri tal-attrici. Jispjega li missier l-attrici li kien mastrudaxxa kien ghamillu gwardarobba biex ihalli hwejjgu hemmhekk u jghid li omm l-attrici kienet talbitu ihallas €350  fix-xahar bhala kumpens.

Peress li kienu joqoghdu fuq il-genituri tal-attrici, fl-istess blokka, meta kienu ikollhom xi jghidu, l-attrici kienet tinzel ghand ommha u toqghod hemm sakemm jergghu jirrangaw.

Isostni ukoll li l-attrici ma tantx kienet turi kompassjoni meta missieru kien marid bil-kancer.

Dwar id-droga, jametti li kien hemm zmien li kien abbuza mid-droga u dan kien fiz-zmien li kienet telqitu l-attrici.

Jistqarr li meta kellhom lil Ilona kien ighaddilha l-flus u anke jixtri l-bzonnijiet taghha u dan minkejja li kien ikollu l-problemi fuq ix-xoghol, sakemm imbaghad spicca jahdem ma' missier l-attrici biex jibnu l-post.

Isemmi li kellu d-dubbji tieghu jekk Z kinitx bintu u dan iktar u iktar meta l-attrici riedet tirregistraha b'missier mhux maghruf. Tlett xhur wara li twieldet Z , l-attrici ma xtaqitx tibqa' f'relazzjoni mieghu u talbitu biex jitlaq. Minn dakinhar l-attrici gieli kienet thallih tara lill-minuri u gieli le, izda kien daraha joqghod ghalli tghidlu. Jametti li kellu suspetti li dak iz-zmien l-attrici kellha relazzjoni ma' haddiehor u dan iktar u iktar meta

f'dak il-perjodu kienet ilha ma tfittxu intimament. Izid ighid li l-attrici ukoll kienet talbitu sabiex zewgha Sinclair jadotta lil Z.

L-attrici kienet tghawwi t-tfal biex ma jitlaqghux ma' missierhom u kull darba li ma kinux jitlaqghu ma kienx ighaddilha manteniment.

Ilum ighid li jahdem *part-time self-employed* u jinsisti li m'ghandux kuntatt mal-attrici, hlief tramite l-qrati u l-avukati. Ma kinitx qaltlu dwar l-ewwel tqarbina, izda kienet qalet lill-familja taghha.

Il-konvenut jikkonferma li llum hu jahdem *self-employed* bhala *electrician.*

**JA** huwa habib tal-partijiet u kien sar jaf lill-attrici peress li kellhom iz-zwiemel fl-istess stalel. Ighid li tant kienu hbieb li kien iqatta' hafna hin ma' Ilona jilghab maghha u ghadhom hekk sallum, tant li anke kien il-parrinu taghha.

Ighid li ghal bidu kien jidher li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet mixja tajjeb u l-inkwiet iktar beda meta l-attrici kienet tqila bit-tieni tarbija. Xahrejn wara li l-attrici saret taf li kienet tqila, il-konvenut kien telaqha u kien jaqla' hafna argumenti frivoli. Lejn l-ahhar tat-tqala kienu rrangaw.

Jikkonferma ukoll li meta telqu lil xulxin ghall-bidu t-tfal kienu jhossu n-nuqqas ta' missierhom, izda llum ighidulu li jibzghu jiltaqghu mieghu. Ighid li Ilona ukoll kienet qaltlu li meta suppost ikunu ma' missierhom iktar ikunu ghand in-nanniet jew iduru fil-karozza biex missierhom jaghmel il-qadi u kien ikun hemm hafna tghajjir u glied u dan l-ambjent ma kienx ighodd ghalihom.

Ighid ukoll li peress li ghandu tifel daqs Z  tkun hafna maghhom u jilghab hafna maghhom u dan ghad-differenza tal-konvenut. Ghalkemm ma tantx kien *close* mal-konvenut, ma kellux xi jghid mieghu, izda kien tip ta' persona li dejjem kien ifittex l-argumenti.

**PD** missier l-attrici jikkonferma li l-partijiet kienu ghamlu zmien ighixu maghhom u dan wara li l-attrici kienet qed tistenna lil I. Ighid li l-konvenut ma kienx jikkontribwixxi hafna hlief darba hallas kont tad-dawl u ilma, kif ukoll kien jixtri xi affarijiet 'l hawn u 'l hemm.

L-argumenti li kien ikollhom kien rigward id-delizzju taz-zwiemel tal-attrici ghax il-konvenut kien ihoss li kien iqumilhom il-flus, meta kien hu li kien ihallas dawn l-ispejjes. Filwaqt li l-konvenut ma riedx iwaqqaf id-delizzju tieghu tal-karnival.

Ikkonferma li kien offra lill-konvenut biex ighinu jibni d-dar meta spicca bla xoghol u kien ihallas l-istess daqs il-paga li kien jircievi u cioe' €150 fil-gimgha. Ighid li kien jaghmel minn kollox sabiex ighinhom. Jispjega li filwaqt li kien baqa' jahdem ta' mastrudaxxa, il-konvenut kien jahdem fil-bini ta' tlett appartamenti. Kellhom bennej, izda kien ighin fil-bini u anke jghaddi d-dawl. Kien anke jmur ighinu u kien jitla' meta kien icempel ghax kien irid ikellmu l-bennej.

Illum li m'ghadhomx flimkien, jispjega li jghinu lill-attrici finanzjarjament bl-ispejjes tat-tfal, kif ukoll dawk relatati mal-edukazzjoni u tas-sahha u dan minhabba li l-konvenut ma kienx qed ihallas manteniment.

**MTD** , omm l-attrici ziedet tghid li l-konvenut kien prattikament ighix maghhom daqs li kieku kienet id-dar tieghu, Madanakollu, ma tantx kien

jikkontribwixxi u lanqas meta kellu paga ta' cirka €1000 fix-xahar, ghax kien ighaddi biss €20 fix-xahar lill-attrici.

Spjegat li l-passatemp tal-konvenut li jipprepara ghall-karnival kien jehodlu hafna hin u kienu jkollhom hafna dizgwid fuq dan ghaliex kien ihalli lill-attrici tiehu hsieb lil I.  Meta l-attrici saret taf li kienet tqila b'Z iktar beda l-inkwiet. Kien beda jakkuzaha li t-tarbija ma kinitx tieghu u kien telaq mid-dar, izda ftit wara rega' gie lura. Kienu baqghu bil-problemi u meta Z kellha xi erba' snin kienu hassru. Ma kienx zmien sabih ghall-attrici peress li kellha hafna stress ghax kienet qed tiehu hsieb zewgt itfal wahedha. Kienet tipprova tghinhom sabiex jirrangaw u kien hemm zmien fejn il-konvenut kien jitlaq, imbaghad kienu jergghu jirrangaw.

Matul dan il-perjodu, il-konvenut kien beda jmur jara lit-tfal, imma maz-zmien kien beda jallontana ruhu iktar. It-tfal kienu jbatu peress li kien idum biex jigborhom u kien anke jhallihom jistennew minghajr pre-avviz.

Spjegat li l-konvenut ilu ma jara lil uliedu sa minn Awissu, 2018 u ilu minn dan iz-zmien ma jhallas manteniment u lanqas ma kien ghamel sforz sabiex jarahom. Illum il-konvenut biddel in-numru tat-telefon u ghalhekk l-attrici ma kellhiex mod fejn setghet tikkomunika mieghu. Hekk ghada sallum u kienet qed tiffaccja problemi fejn ghandha bzonn il-firma tal-parti l-ohra u jirrifjuta li jiffirma bhal meta Z kienet ser taghmel il-Precett.

**SM,** illum mizzewweg lill-attrici ltaqa' mal-attrici fis-sena 2014 u dak iz-zmien il-partijiet ma kinux flimkien. Jinsisti li ma kienx jaf lill-attrici qabel u jametti ukoll li kien hareg xi erba' darbiet ma' oht l-attrici V. Ighid li l-konvenut kien jigi ghat-tfal, izda kien jinqala' dizgwid bejniethom ghax il-konvenut jew kien jigi tard jew kien izomm it-tfal iktar milli suppost.

Kien hemm problema biz-zghira Z , peress li kienet trid tmur ma’ ohtha I meta kien imisshom l-access, izda wara ftit kienet tibda tibki u l-konvenut kien igibha lura.

Fis-sena 2015, il-konvenut ma kienx beda jmur ghat-tfal jew iwieghdhom li sejjer u ma jmurx, tant li mbaghad it-tfal ma ridux imorru iktar.

Fuq il-manteniment jispjega li l-konvenut kien ihallas, izda hafna drabi tardivament u gieli kien hemm drabi fejn kien ihallas nofs u jwieghdha li ser ihallas in-nofs l-iehor u ma jhallasx. Izid ighid li hafna drabi kienu jispiccaw ihallsu l-ispejjes edukattivi u tas-sahha hu u l-attrici ghax il-konvenut rari kien jikkontribwixxi ghalihom. Meta kienu jcemplu lill-attrici mill-iskola sabiex thallas l-ispejjes, kien ighinha thallashom kif ukoll kienu jghinuha l-genituri taghha.

Kien hemm zmien li l-attrici xtaqet tibghat lit-tfal skola privata peress li Ilona kienet qed tigi bullijata, izda ghalkemm il-konvenut kien wieghdha li ser ihallas ghall-iskola dan qatt m’ghamlu u minhabba f’hekk spiccaw ihallsu huma. Imbaghad kien wieghdha li ser ihallas jekk tibghathom skola tal-gvern u hekk ghamlet, izda xorta ma hallas xejn.

Mis-sena 2017, minn meta miet missier il-konvenut, ma marx iktar ghat-tfal u lanqas kien ihallas manteniment.

Wara t-tfal ikunu ezercitaw l-access ma’ missierhom kienu jmorru lura mdejqin.

In kontro-ezami jichad li hu u l-attrici kienu ddiskutew l-adozzjoni ta' Zelodie u jinnega li dina l-minuri hija bintu.

**Ivan Cilia,** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta informazzjoni dwar l-ghajnuna socjali, childrens allowance, maternity benefits minn Jannar, 2007 'l quddiem.[2] Jispjega ukoll li fl-14 ta' Awissu, 2015 kienet saret applikazzjoni minn SM ghall-childrens allowance, filwaqt li l-beneficcarja hija l-attrici. Ikkonferma ukoll fl-applikazzjoni hemm dikjarazzjoni li fil-*household* hemm minuri li mhumiex ulied SM. Ic-childrens allowance jirrapprezenta dak ghal tlett ulied.

**Louis Buhagiar**, in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-employment history tal-attrici.[3] Ikkonferma ukoll li l-attrici kienet irrizenjat mix-xoghol taghha ma' Dizz Limited u dan fil-11 ta' Ottubru, 2022.

**CS** kkonferma li ilu jaf lill-konvenut ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Peress li xogholu huwa ta' electrician kien imur jaghtih pariri fuq l-installazzjoni tal-elettriku meta kien qed jahdem ma' missier l-attrici sabiex itellghu l-post. Ikkonferma ukoll li l-konvenut kien qed jaghmel xoghol iehor f'dan il-post apparti l-installazzjoni tad-dawl. Ix-xogholijiet tad-dawl li ghamel il-konvenut kien jammonta ghal cirka €6000.

## KONSIDERAZZJONIJIET

## KURA U KUSTODJA/SETGHA TAL-GENITURI

[2] Dok. IC 1
[3] Dok. LB1

Il-Qorti taghraf illi skond il-gurisprudenza, l-kura u kustodja tat-tfal hija regolata mill-principju tal-aqwa interess tat-tfal u l-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal. Fis-sentenza **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru, 2003 intqal illi:-

***"apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti "in subjecta materia," li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din ix-xorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u "de facto" li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut…."***

Skond is-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Frar, 2018:-

***"Il-Qorti ghaldaqstant, ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodici Civili. Illi kif kellha l-okkazzjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-drittijiet tal-genituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna huwa 'l fuq iccitata."***

I u  Z twieldu lill-partijiet minn relazzjoni li kien hemm bejniethom. Il-konvenut minn dejjem jiddubita l-paternita' tal-minuri Z  u fil-fatt it-tqala taghha kien element ta' dizgwid bejn il-partijiet.

Ghalkemm ghall-bidu li l-kontendenti temmew ir-relazzjoni taghhom, il-konvenut kien jara lill-minuri, mhux dejjem kien konsistenti u kienu jinqalghu l-argumenti peress li jew kien imur ghalihom tard u jhallihom jistennew jew inkella kien iwassalhom lura d-dar tard.

Gie ppruvat ukoll li kien hemm drabi fejn il-konvenut kien ihalli lil uliedu man-nanniet, jew kien ihallihom fil-karozza sakemm jaghmel il-qadi tieghu.

Gie ammess mill-konvenut ukoll li ma tantx kien jaghti attenzjoni lill-minuri u l-attegjament tieghu ma kienx mill-ahjar ghaliex dak iz-zmien kien ghadu zghir u ma kienx ghadu matur bizzejjed biex jifhem x'kien jirrikjedi r-rwol ta' missier. Ammetta li kien ighajjat maghhom u dan meta kien iltaqa' ma' Naomi Bellotti mid-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal li kienet qed thejji r-rapport ta' *social work assessment,* wara li giet inkarigata mill-Qorti. Kien stqarr maghha li « kien bniedem nervuz u jitlaghlu malajr u ghalhekk meta l-minuri ma kienux igibu ruhhom sew, gieli ghajjat maghhom jew ikkoreggihom b'ton negattiv. »[4]

Dan iwassal sabiex il-verzjoni tal-attrici rigward ir-relazzjoni tal-konvenut mal-minuri hija wahda veritiera.

Gie stabbilit ukoll li l-konvenut kien ittronka r-relazzjonijiet mal-minuri, partikolarment meta Ilona kienet ibblukkjat in-numru tal-mobile tieghu. L-attrici u anke zewgha SM kkonfermaw li meta l-minuri kienu jigu lura minghand il-konvenut kien ikollhom hafna rabja u mbaghad waslu li ma

[4] Rapport ta' Naomi Bellotti a fol. 114

ridux imorru izjed. Il-konvenut jammetti li ma kienx stinka biex jaghmel kuntatt maghhom, anzi l-attrici ssostni li addiritura kien biddel in-numru tal-mobile.

Illum pero' l-konvenut ihoss li tbiddel u li ghandu l-hiliet necessarji fuq it-trobbija tal-ulied. Madanakollu, jishaq li jixtieq inehhi d-dubbji tieghu dwar il-paternita' ta' Z , minkejja li jibqa' jhobbha.

Meta Ms. Bellotti tkellmet ma' ulied il-partijiet I , li llum ghandha erbatax-il sena kienet ferma u deciza li ma trid l-ebda kuntatt ma' missierha. Z donnha uriet ix-xewqa li tara lil missierha u lil huha D li twieled minn relazzjoni li ghandu l-konvenut u dan anke minghajr il-presenza ta' ohtha I . Pero' f'stadju wara kienet interveniet l-attrici biex tinforma lil social worker Bellotti, li l-minuri Z kienet bezghat minnha u fil-verita' ma riditx tara lil missierha u kienet imhawda meta kienet iltaqghet maghha.

Il-Qorti taqbel ma' dak konkluz minn Ms Bellotti, li l-minuri Z genwinament riedet tiltaqa' ma' missierha u terga' tirristawra rapport, pero' fl-istess waqt hemm certu influwenza da parti tal-attrici u ta' minuri li hi tixtieq tintghogob ma' ommha. Jibqa' l-fatt li l-preokkupazzjoni tal-attrici hija wahda gustifikata u dan minhabba kemm il-darba l-konvenut ittradihom.

Ghalhekk li l-kura u kustodja tigi fdata esklussivament lill-attrici hija fl-ahjar interess tal-minuri, iktar u iktar minhabba li l-konvenut ma kienx dispost li jeskludi li ma jiehux passi necessarji sabiex jikkonferma l-paternita' o meno tal-minuri Z, li jekk jirrizulta fin-negattiv ihalli impatt serju fuq l-istess minuri li diga' rat bizzejjed.

Ghalhekk fl-interessi ta' I  u  Z, m'ghandux ikun access ghal missier sakemm il-minuri ma jurux ix-xewqa u sadanittant ghandu jsir assessjar sena ohra mil-lum mill-istess Direttorat.

**<u>Setgha tal-genituri</u>**

L-Artikolu 154(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi fejn l-interess tat-tifel jirrikjedi hekk, il-Qorti tista' tordna li ġenitur wieħed biss għandu jkollu l-eżerċizzju tal-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri u l-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' tali jeddijiet u, f'każijiet gravi, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk il-jeddijiet.

Tenut kont tal-fatt li bejn il-konvenut u l-minuri m'hemmx kuntatt, ikun opportun li dina s-setgha ai termini tal-Artikolu 154(2) tal-Kap. 16 ghandha titnehha minn fuq l-konvenut u ghandha tibqa' tigi ezercitata mill-attrici.

**<u>MANTENIMENT</u>**

L-attrici qed titlob li l-konvenut jigi ordnat ihallas manteniment ghall-minuri, kif ukoll ihallas l-arretrati ta' manteniment.

Mhux kontestat li l-konvenut ma kienx konsistenti fil-hlasijiet ta' manteniment ghall-minuri u hafna drabi kienu jispiccaw johorgu l-flus il-genituri tal-attrici u zewgha Sinclair Musu', partikolarment rigward l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Il-konvenut kien accetta li jghin fil-mizati meta l-attrici kienet riedet tibghat lit-tfal fi skola privata, izda peress li ma hallasx xejn, kellha tohroghom u tibghathom skola tal-Gvern.

Inoltre, il-konvenut jammetti li peress li ma kienx qed jara lill-minuri ddecieda li m'ghandux ikun obbligat li jhallas manteniment u kompla fuq dina l-insistenza mas-social worker Ms. Bellotti fejn insista li *« ma jarax sens jipprovdi finanzjarjament jekk ma jkollux kuntatt. »*[5]

Bhala genitur, il-konvenut ghandu kull obbligu li jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' uliedu u ma jreggix l-argument tieghu li gialadarba m'ghandux kuntatt maghhom m'ghandux imantnihom.

Il-konvenut jishaq li kien ihallas manteniment fis-somma ta' €368 ghaz-zewgt ulied u qed jitlob li jekk kemm il-darba jigi ordnat ihallas manteniment ikun f'dan l-ammont ghax skond dak li xehed ghandu tifel iehor x'imantni. Da parti taghha, l-attrici qed titlob l-ammont ta' €250 ghal kull wild, peress li hemm diversi spejjes.

B'digriet taghha tat-30 ta' Ottubru, 2020, dina l-Qorti ordnat lill-konvenut ihallas is-somma ta' €400 fix-xahar, oltre nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, li baqa' ma hallasx regolarment,[6] dejjem bl-iskuza li ma jarax lil uliedu.

Il-Qorti applikat il-minimu li bhala prassi fil-gurisprudenza nostrana tinghata bhala manteniment meta l-introjtu huwa baxx. Bhala provi fuq l-

[5] Fol. 115
[6] Fol. 85 /7-p
+l-3

introjtu tieghu, il-konvenut ikkonferma li prezentement jahdem *self-employed*, u mill-prospetti tat-taxxa li esebixxa jirrizulta li ghandu paga netta ta' cirka €10, 850. [7]

Inoltre, ghandu jigi kkunsidrat li l-attrici llum ma tahdimx u kienet telqet minn jeddha mix-xoghol taghha bhala *cleaner* mad-Dizz Group ftit xhur ilu skond ma jirrizulta mill-employment history taghha. Jirrizulta ukoll mir-rizultanzi processwali, li l-attrici ma tantx ghandha ghazla peress li prattikament tiehu hsieb it-tfal wahedha, ghax il-konvenut qata' kull kuntatt maghha u ma' uliedu. Dan ihalli ftit wisq spazju sabiex l-attrici tahdem *full-time*.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti ser tikkonferma d-digriet taghha tat-30 ta' Ottubru, 2020 u tordna li l-konvenut ihallas manteniment fis-somma ta' €400 fix-xahar, oltre nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Dwar l-arretrati l-istess konvenut jammetti li kien ighaddi s-somma ta' €368 mensilment ghaz-zewg minuri u jammetti huwa stess li ma kienx qed ihallas manteniment minn meta waqaf l-access cirka erba' snin ilu (meta xehed ma' Ms. Bellotti jghid li kienu ghaddew tlett snin u dan kien fl-2021) u ghalhekk l-arretrati huma dovuti minn Jannar 2019 ikkalkolati fl-ammont ta' €368 sat-30 ta' Ottubru, 2020 (€368 x 22 xhur = €9000) u €400 minn Novembru, 2020 sallum (€400 x 27 xhur = €10, 800) total (€9,000 + €10, 800 = €19, 800).

**<u>DECIDE</u>**

[7] Fol. 214 et seq.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi :-

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici;
2. Tilqa’ t-tieni talba attrici;
3. Tilqa’ t-tielet talba attrici limitatament ghal dak fuq imfisser;
4. Tilqa’ r-raba’ talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta’ €400, oltre nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha;
5. Tilqa’ l-hames talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas arretrati fis-somma ta’ kif ikkalkulata u mfissra iktar ‘l fuq.

**Kontro-Talba**

1. Tichad l-kontro-talbiet tal-konvenut, hlief ghat-tielet kontro-talba li hija limitata ghal kif imfisser iktar ‘l fuq.

**L-ispejjez ghandhom  jigu sopportati mill-konvenut.**

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella**

**Cettina Gauci- Dep Reg**